MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Numru. 1047/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Emanuel Farrugia**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 2 ta' Marzu, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Farrugia ta' 48 sena, iben Alfred u Carmela nee' Ciantar, imwieled Pieta' fit-12 ta' Dicembru 1963 detentur ta' karta ta' l-identita' nru 0015364M u residenti nru 50, Triq in-Naxxar, Birkirkara/7, Triq San Giusepp, Valletta

1) Talli nhar is-26 t'Awwissu 2012 fi Triq G. Schembri f'Hal Qormi ghall-habta tal-11.30hrs, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq vettura Daihatsu bin-numru tar-registrazzjoni CAC409, ghad-dannu ta' Joseph Zammit minn Hal Qormi, liema hsara tiskorri il-€116.47 izda mhux il-€1,164.69 bi ksur tal-art. 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artiklu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, fi Triq G. Schembri f'Hal Qormi saq vettura tat-tip Hyundai ta' kulur abjad bin-numru tar-registrazzjoni EBM354 kontra d-direzzjoni tat-traffiku meta kien jaf jew messu kien jaf li din it-triq hija mmarkata bhala one way.

4) Talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvediment tal-art 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Joseph Zammit.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi (i) hsara volontarja; (ii) li kiser il-bon-ordni; (iii) li saq kontra d-direzzjoni tat-traffiku; u (iv) li huwa recediv.

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti: dakinhar tal-incident l-imputat mar quddiem ir-residenza tal-parte civile fit-triq indikata fl-akkuzi. L-imputat mar biex jitlob il-flus lil dan Zammit li huwa jsostni li kien selliflu. Dan Zammit jichad li ghandu jaghti xi flus lill-imputat u ghalhekk dak il-hin irrifjuta li jaghti xi flus lill-imputat. Meta Zammit irrifjuta li jaghti l-flus lill-imputat dan ta' l-ahhar beda jaghti fuq il-karozza tal-parte leza li kienet ipparkjata barra bin-numru tar-registrazzjoni CAC 409. Fl-istqarrija tieghu, li ttiehdet wara li l-imputat ikkonsulta ma' avukat, l-istess imputat stqarr li ta daqqa ta' ponn fuq il-bagoll ta' wara u kissirlu z-zewg mirja tal-genb b'idu. Huwa ddispjacih ta' l-akkadut u kien lest anki jaghmel tajjeb ghall-hsara kagunata.

Il-parte leza rrapporta wkoll li l-imputat ta wkoll daqqiet fuq iz-zewg bibien ta' quddiem u dan rega' kkonfermah waqt ix-xhieda tieghu *viva voce*. Dwar dan din il-Qorti ma tiddubitax il-versjoni moghtija mill-parte leza. L-istess Joseph Zammit waqt ix-xhieda tieghu ddikjara li huwa kien qieghed jahfer lill-imputat u li ma kien qieghed jippretendi xejn minghandu. Il-karozza ma ssewwietx.

Illi jirrizulta wkoll li l-imputat mar jitolbu dawn il-flus billi kellu bzonn jixtri l-medicini minhabba l-kundizzjoni medika li ghandu u meta dan Zammit irrifjuta li jaghtihomlu ddispra u rreagixxa bil-mod kif irreagixxa.

Illi l-uniku kontestazzjoni dwar din l-imputazzjoni hija l-ammont ta' hsara kkagunata. Il-Prosekuzzjoni ezebit stima provduta lilha mill-parte leza fl-ammont ta' €903.68 li tinkorpora ghal panel beating u spray mahruga minn certu Joseph Bongailas fis-27 ta' Awwissu 2012. Dan Bongailas ikkonferma l-istess stima. Huwa ma setax jiftakar bi preciz x'kien fiha l-karozza imma kellu amment li l-karozza kellha bzonn dawra billi kienet antika u xi ftit zdingata.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Gafa'** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2014 fejn gie ritenut:

*"11. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant illi huwa ghandu jigi lliberat mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-"valur". L-ewwelnett issir referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Zahra, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. Dan jista' jitqies li japplika mutatis mutandis fejn si tratta ta' valur ta' oggetti misruqa. F'dik is-sentenza ntqal hekk:*

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

*12. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet dwar il-valur: "Certament*

*nonostante li l-ammont ma ġiex kwantifikat, pero` zgur li l-oggetti misruqa minn kull imputat jeccedu l-mitt lira Maltin bil-valuta ta' zmien ir-reat – ghal dan il-Qorti m'ghandha bzonn ebda espert. Pero` l-Qorti mhix konvinta li l-valur ta' l-oggetti misruqa mill-basement jeccedu l-elf lira Maltin."*

*13. Din il-Qorti ezaminat il-provi. L-oggetti misruqa huma dawk elenkati fid-Dok. JC (a fol. 36) u li gew maqbuda mill-pussess ta' l-appellant (ara Dok. JC2 a fol. 39 – 40). Inoltre fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li kien seraq numru akbar ta' batteriji li bighhom ghal "xi Lm250" (a fol. 19). Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk tieħu l-valur wholesale ta' l-oggetti kollha in kwistjoni, dan se jaqbez il-Lm100. Ghalhekk il-kwalifika tal-"valur" tissussisti u konsegwentement japplika l-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali. Irid jigi carat li fejn hemm dubju dwar il-valur ta' oggett misruq imbaghad is-soluzzjoni mhijiex dik proposta mill-appellant, cioe`, li persuna tigi lliberata izda li tiehu lanqas valur, b'hekk li persuna akkuzata b'serq ikkwalifikat bil-"valur" tista' tinsab hatja ta' serq semplici."*

Illi miz-zmien tal-kommissjoni tar-reat inbidlet ukoll il-ligi inkwantu ghall-aggravju tal-valur. Fil-kaz ta' l-imputat il-ligi kif vigenti llum jekk l-ammont jiskorri l-ammont ta' €250 hija aktar gravuza w ghaldaqstant tkun applikabbli ghalih il-ligi kif kienet vigenti fiz-zmien li twettaq ir-reat. Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm hija konvinta li l-hsara kagunata ma kinitx fl-ammont indikat fl-

istima (li ma kinitx tinkludi l-mirja) ghaliex huwa evidenti li l-parte leza kien se japprofitta ruhu u jdur il-karozza kollha u mhux biss jirranga l-hsarat sofferti, izda zewg mirja u daqqiet fuq il-bagoll u fuq il-gnub taz-zewg bibieb ta' quddiem bla ebda dubju jiswew ferm aktar minn €116.47 u anki aktar minn €250. Ghaldaqstant l-imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ssir referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[1]:

*'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

B'applikazzjoni tas-suespost ghall-kaz odjern m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet ippruvata.

[1] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li huwa saq kontra d-direzzjoni tat-traffiku meta t-triq hija one-way. Il-Qorti se tillibera lill-imputat minn tali imputazzjoni ghaliex ma tirrizultax mill-provi prodotti.

Dwar l-addebitu tar-recediva ma tressqet l-ebda prova min-naha tal-prosekuzzjoni u ghaldaqstant din ma gietx ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tqis in-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-koperazzjoni tal-imputat mal-pulizija, il-fatt li l-imputat iddispjacih ta’ l-akkadut kif ukoll il-fatt li rrizulta li l-imputat qieghed ibati minn kundizzjoni medika li fic-cirkostanzi affettwat il-komportament tieghu, kif ukoll il-fedina penali tieghu li mhix wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(bb) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssibu hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn, u tilliberah mill-imputazzjoni l-ohra billi ma sabitx htija.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ Joseph Zammit.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------